**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER F'SEDUTA 43 tal-15 TA' OTTUBRU 2003**

Se nagħti ruling fuq il-każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor Marie Louise Coleiro waqt is-seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru.

Filwaqt li s-Sedja tirriafferma d-dritt li għandu kull Membru Parlamentari li bl-ebda mod ma jiġi mfixkel waqt il-qadi ta' dmirijietu, u wara li semgħet il-każ kif ippreżentat mill-Onor Marie Louise Coleiro, is-Sedja jidhrilha li skond artikolu 11 ta' 1-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap 113, iċ-ċirkostanzi jindikaw prima facie ksur ta' privileġġ.